# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 287/2018

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Antonello Grech)**

**(Spettur Omar Zammit)**

**vs**

**Ronald Mallia**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Ronald Mallia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 474287M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-8 ta' Mejju 2018 bejn 0900hrs u 1100hrs f'dawn il-gzejjer Maltin;

1. Iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sehhx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat li jaf li ma sehhx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jibdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lill-haddiema tal-Gozo Channel u lil haddiehor biza li ser tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-propjeta taghhom meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lill-istess persuni hekk jibzghu;

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi permezz ta' xi network jew t'apparat ta' komunikazzjoni elettroniku hedded li jaghmel xi reat jew ghamel uzu iehor mhux xieraq

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornuti minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak fornut ghalih, jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella tuzah b'mod mhux kif imiss;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 ta' Gunju, 2018 li biha sabet lil Ronald Mallia hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija;

.

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Gunju, 2018, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti

**tirriforma** s-sentenza billi **tikkonfermaha** kwantu s-sejbien ta' htija u **tibdilha** kwantu l-piena billi timponi piena anqas harxa;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari illi dik il-piena kif kominata mhix wahda idonea ghac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz;

2. L-appellant jikritika l-piena erogata anke permezz ta' sentenzi ta' din il-Qorti li, izda, ma ghandhom l-ebda relevanza ghal-kaz in dizamina ghaliex jirreferu ghall-dawk ic-cirkostanzi fejn il-Qorti jkun jehtigilha taghmel ezami approfondit tal-fatti mill-gdid sabiex ikun accertat li l-ewwel Qorti qabilha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Dan ma huwiex il-kaz odjern fejn l-appellant instab hati fuq ammissjoni tieghu stess. Dak li din il-Qorti issa trid tezamina hu jekk l-ewwel Qorti setghetx tikkomina dik il-piena sabiex tkun certa li tali piena kienet fil-parametri tal-ligi u li ma kien hemm xejn x'jiddemostra li fil-fatt kellha tkun anqas minn dik kominata. Altrimenti ma jkunx hemm lok li tkun disturbata id-diskrezzjoni afdata f'idejn l-ewwel Qorti;

3. L-ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet korretti u validi qabel ma erogat il-piena. Hadet qies ukoll ta' dak li jiddisponi l-artikolu 17(b) u (h) tal-Kodici Kriminali sabiex l-imputat ma jkunx ingustament ikkundannat ghall-piena 'l hinn minn dik erogabbli u

qabel ma waslet ghall-konkluzzjoni taghha hadet kont ukoll ta' dak li rraporta l-Ufficcjal tal-Probation minnha nominat wara l-ammissjoni tal-imputat. L-istess Ufficcjal, b'mod partikolari ghall-hsieb li fih kienet diretta l-ewwel Qorti, wissa li l-imputat ma kienx jikkwalifika ghal Servizz fil-Komunita' ghaliex huwa aflitt mill-vizzju tad-droga. L-istess Ufficcjal kien irrakomanda sentenza sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali izda l-ewwel Qorti ma kienetx tal-istess hsieb;

4. Issa, l-appellant jikkontendi illi huwa ghamel dak lilu imputat u li ghalih ammetta ghaliex huwa bniedem li jaccetta li jaghmel kollox facilment u li kellu storja tal-*bullying* fil-konfront tieghu. Dwar dan ma ngiebet ebda prova quddiem l-ewwel Qorti, la rrelata dwarha l-Ufficcjal tal-Probation u lanqas ingieb xi forma ta' prova quddiem dil il-Qorti. L-ewwel Qorti qieset ukoll l-gravita' tar-reat li gieb mieghu *tant spejjez u tbghatija lil nies innocenti ghalxejn.* Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni fdata esklussivament f'idejn l-ewwel Qorti li wara kollox mxiet b'reqqa u precizzjoni qabel ma erogat b'responsabilita' il-piena mertu tal-appell odjern;

5. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.